**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 569/2023**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**-Vs-**

**NATHAN CARROLL**

**Illum, 28 ta' Settembru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **NATHAN CARROLL** ta' 31 sena, akkużat talli nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju 2023 ġewwa Triq San Ġorg, San Giljan, u/jew f'bdadi oħra ġewwa dawn il-gżejjer għall-ħabta tal-ħdax nieqes kwart ta' filgħaxija (22:45hrs):-

1. Bil-ħsieb li jagħmel delitt u ċioe' bil-ħsieb li jwettaq atti ta' natura sesswali minghajr kunsens fuq il-persuna ta' Anamaria Stricia, liema atti fihom infushom, ma jikkostitwixxux wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat imsemmijin fl-Artikoli ta' qabel l-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u tah bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt,

liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w ndipendenti mill-volonta' tal-ħati;

2. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ikkawża lil Anamaria Stricia biża li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa, subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikoli 412C tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta waqt il-mori tal-kawża u f'każ ta' ħtija ai termini tal-Artikoli 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta favur Anamaria Stricia;

Il-Qorti ġentilment mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi tordna lill-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikoli 533(1) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tordna li s-sentenza tiġi reġistrata ai termini tal-Artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-Prosekuturi jaqraw l-akkużi u jikkonfermawhom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Semgħet lill-imputat waqt is-seduta tat-2 ta' Awwissu 2023 jirreġistra ammissjoni u jiddikjara li huwa ħati tal-akkużi kollha;

Semgħet lill-imputat jikkonferma din l-ammissjoni tal-ħtija anke wara li hija wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, wara illi kkonċedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' ħtija u sabiex jerga'

jikkonsulta mad-difensur tiegħu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli.

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Awwissu 2023 fejn laqgħat it-talba tad-difiża u ordnat li jinħatar Uffiċjal tal-Probation sabiex jitħejja rapport ta' qabel is-sentenza a tenur tal-artikolu 6 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-digriet tagħha wkoll mogħti fit-2 ta' Awwissu 2023 fejn ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-imputat għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Anamaria Stricia, a tenur tal-artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda ta' Donnalise Camilleri, l-Uffiċjal tal-Probation u rat ir-rapport ta' qabel is-sentenza ppreżentata minnha (Dok. DC1);

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena u semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li mhijiex qiegħda tinsisti li tingħata piena karċerarja effettiva;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu u dan wara li ġew osservati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 392A tal-Kap. 9, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tiegħu u kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-gravita' tar-reati li qiegħda jinstab ħati tagħhom l-imputat, partikolarment ir-reat dwar atti ta' natura sesswali mingħajr kunsens, iżda wkoll il-fatt illi l-ewwel imputazzjoni ingħatat bħala reat attentat u mhux bħala wieħed ikkonsmat. Dan ifisser illi għandu jkun hemm

tnaqqis ta' grad jew żewġ gradi fil-piena applikabbli għar-reat taħt l-artikolu 207 tal-Kap. 9.

Ħadet qies ukoll tal-kontenut tar-rapport ta' qabel is-sentenza u x-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation li minnhom il-Qorti fehmet illi l-azzjonijiet tal-imputat li sarrfu fir-reati addebitati, xprunaw mill-ossessjoni tiegħu bil-pornografija, anke dik li tinvolvi element ta' vjolenza. Din il-problema li jidher li nibtet diversi snin ilu meta l-imputat, ġuvnott b'karattru riżervat bi ftit self-esteem li trabba f'ambjent karatterizzat minn nuqqas ta' ħbiberiji fejn kien jitħalla wkoll ħafna ħin waħdu d-dar f'eta' vulnerabbli, beda jara l-pornografija. Dan il-vizzju ingrana sew biż-żmien u żviluppa sal-estrem li l-imputat ħass li kellu jimmaterjalizza l-fantasiji pornografiċi tiegħu.

Ikkunsidrat ukoll illi l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu fl-ewwel opportunita' tant illi fl-interrogazzjoni tiegħu mill-Pulizija, huwa ikkoopera bis-sħiħ u żvela kull dettall tar-reat minnu kommess, u fetaħ qalbu wkoll mhux biss dwar il-problema tal-pornografika iżda wkoll dwar okkażjonijiet oħrajn fejn din il-problema wasslitu biex jaħseb biex iwettaq l-istess xorta ta' reati.

Il-Qorti ħadet qies tal-fatt li l-imputat għandu kondotta nadifa u minn dak li jirriżulta mir-rapport ta' qabel is-sentenza, huwa evidenti li m'huwiex kriminal iżda persuna li għandha bżonn ghajnuna u li jiddispjaċih ta' egħmilu u jixtieq joħroġ minn dan l-uniku vizzju li għandu. Huwa jirrikonoxxi li dan ittrasforma ruħu f'vizzju rejali u gravi li ħakmu u jeħtieġ li jiġi mrażżan, tant illi wera disponibbilita' pjena li jirċievi terapija u l-għajnuna kollha neċessarju biex jindirizza u jegħleb dan il-vizzju. Kemm hu hekk, waqt l-interrogazzjoni huwa stqarr li kien diġa' ilu sena u nofs jieħu terapija fi ħdan Richmond Foundation. Hu evidenti li l-imputat jeħtieġ mhux biss ikompli jieħu l-għajnuna iżda li jingħata għajnuna professjonali b'mod strutturat, għajnuna konsistenti fi trattament maħsub speċifikatament biex jindirizza l-problemi psikoloġiċi li inevitabbilment xprunaw mill-użu konsistenti fuq medda ta' diversi snin, ta' pornografija.

Magħdud dan il-fatt li l-imputat għandu livell ta' edukazzjoni tajba u jixtieq ikompli bl-istudji tiegħu tant illi applika biex f'Ottubru 2023 jidħol fil-kors ta' inġinerija mekkanika fuq bażi full-time fl-Universita' ta' Malta.

Fil-kwadru ta' dan kollu, il-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal tal-Probation illi piena karċerarja f'dan il-każ ma jkun ta' ebda ġid iżda ta' ħsara lill-imputat li ma jkunx jista' jislet il-benefiċċju sħiħ tal-għajnuna li għandu bżonn b'mod inġenti biex irażżan l-ossessjoni tiegħu u jiffoka minflok fuq it-trawwim tal-aspetti pożittivi tal-karattru tiegħu u fuq l-istudji prospettivi tiegħu anke biex ikollu quddiemu oġġettivi ġodda u rejali li jistgħu jissostitwixxu l-fantasiji dannużi li ma jwassluh imkien ħlief fil-kriminalita'.

Fil-fehma tal-Qorti, is-sorveljanza tal-imputat minn uffiċjal tal-Probation hi wkoll neċessarja sabiex hu jingħata l-għajnuna, anke okkorrendo psikoloġika jew terapija sesswali, li jeħtieġlu biex jindirizza b'mod strutturat l-isfidi li l-vizzju tal-pornografija jippreżentaw, mingħajr ma jerġa' jirkorri għall-kriminalita' u biex jingħata gwida fid-direzzjoni t-tajba u jagħraf ukoll l-importanza li jkollu oġġettivi rejali li jista' jilħaq materjalment mingħajr ma jirkorri għal fantasiji li jagħmlu biss ħsara.

**Għal dawn il-motivi kollha, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 207 u 251(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lil NATHAN CARROLL ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Probation għal żmien tliet (3) snin.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni tal-Probation u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali u l-ħati esprima r-rieda tiegħu li jikkonforma mal-ħtiġiet ta' dik l-Ordni.**

**Tordna l-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati a tenur tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien tliet (3) snin biex jingħata trattament psikoloġiku u kull trattament ieħor li jirriżulta li jkun neċessarju biex jindirizza u jegħleb xi problemi sesswali li jista' jiġu identifikati.**

**Tordna wkoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Anamaria Stricia għall-fini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien tliet (3) snin.**

**Billi ma jirriżultax li ġew nominati esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni tal-Probation jintbagħtu lid-Direttur tad-Dipartiment tas-Servizzi tal-Probation u Parole għall-fini tal-artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**